MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 837/2006

**Paul Micallef (ID 529160M) f'ismu proprio u ghan-nom ta' FFF Services Ltd. (C35536)**

**vs**

**Paolo Soldi (Nru ta' Passaport Taljan 054950R) f'ismu proprio u ghan-nom ta' Panam Ltd. (C37426)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Paul Micallef (ID 529160M) f'ismu *proprio* u ghan-nom ta' FFF Services Ltd. (C35536) datat 13 ta' Settembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn Paul Micallef debitament awtorizzat jirrapresenta lis-socjeta' attrici rikorrenti espona:-

Illi l-konvenut f'ismu *proprio* kif ukoll ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Panam Limited ghandha thallas lill-

attur *proprio et nomine* s-somma ta’ sitt elef tmin mija u tmin Liri Maltin (Lm6,808) liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ta’ flejjes dovuti mill-konvenut *proprio et nomine* lill-attur *proprio et nomine*, in parti bhala flejjes avvanzati, in parti bhala flejjes misapproprijati u in parti bhala flejjes li gew imhallsa ghal merkanzija li baqghet qatt ma giet konsenjata, u din kif dettaljat fl-ittra interpellatorja annessa bhala bhala Dok “A”.

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficjalment, il-konvenut *proprio et nomine* baqa’ inadempjenti.

Illi fil-fehma tal-attur *proprio et nomine* il-konvenut *proprio et nomine* m’ghandux eccezzjoni valida x’jaghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex it-talbiet tal-attur *proprio et nomine* jigu decizi bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-**artikolu 167 tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).**
Illi ghalhekk l-istess socjeta’ attrici rikorrenti talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili**; u

2. Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* jhallas lill-attur *proprio et nomine* s-socjeta` attrici rikorrenti s-somma ta’ sitt elef tmin mija u tmin Liri Maltin (Lm6,808) liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ta’ flejjes dovuti mill-konvenut *proprio et nomine* lill-attur *proprio et nomine*, in parti bhala flejjes awanzati, in parti bhala flejjes misapproprijati u in parti bhala flejjes li gew imhallsa ghal merkanzija li baqghet qatt ma giet konsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid u tal-mandat ta’ sekwestru intavolati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta’ Awwissu 2006 kontra l-konvenut *proprio et nomine* li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Ottubru 2006 fejn Dr. de Marco ghall-konvenuti ddikjara li ghandu eccezzjonijiet x’jaghti, fis-sens li l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici stante li kull hlas li sar mill-atturi lis-socjeta` konvenuta kien bi hlas ghall-bejgh ta’ prodotti mibjugha mis-socjeta` konvenuta lill-atturi. Illi in vista tal-fatt li din  il-kawza hija konnessa ma’ kawza ohra fl-ismijiet inversi li kienet ghada kemm instemghet quddiem din il-Qorti gimgha qabel, u peress li l-konvenuti ppruvaw *prima facie* li ghandhom eccezzjonijiet x’jaghtu din il-Qorti pprefigiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata mid-data tas-seduta sabiex tigi prezentata nota ta’ eccezzjoni/ risposta guramentata kollox kif jidher a fol. 8 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Paolo Soldi [Karta tal-identita` numru 0033143 (A)] in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta Panam Limited (C37426)  datata 2 ta’ Novembru 2006 a fol 9 tal-process fejn ecceppixxa: -

1. Illi preliminarjament it-talbiet tal-attur Paul Micallef fil-konfront tas-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u dan fid-dawl tal-fatt illi n-negozju kummercjali li kien hemm sar unikament bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.

2. Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet tal-atturi in kwantu diretti lejn is-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi mhuwiex minnu illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tikkonsenja l-merkanzija mitluba, u lanqas ma huwa minnu illi l-atturi awanzaw flejjes lis-socjeta` konvenuta, u li s-socjeta` konvenuta misapproprjat flejjes tal-atturi.

3. Illi kienet fil-fatt, is-socjeta` attrici, illi ma hallsitx lis-socjeta` konvenuta tal-merkanzija lilha mibjugha u

regolarment ikkunsenjata, liema pretensjoni hija l-mertu tal-kawza bin-numru tac-citazzjoni 829/2006 fl-ismijiet Panam Limited vs F F F Services Limited liema qed tinstema' mill-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-atturi u b'riserva ghal eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 10 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Paolo Soldi [Karta tal-identita` numru 0033143 (A)] datata 2 ta' Novembru 2006 a fol 12 tal-process fejn ecceppixxa: -

1. Illi preliminarjament il-konvenut proprio kif citat mhuwiex il-legittimu kontradittur *stante* illi n-negozju kollu sar unikament bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, huwa m'ghandux relazzjoni guridika mal-atturi u ghalhekk ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju.

2. Illi *inoltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenut f'ismu personali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi mhuwiex minnu illi l-atturi avvanzawlu xi flejjes, u lanqas ma huwa minnu illi huwa misapproprja flejjes tal-atturi.

3. Illi l-konvenut proprio ma kellu jikkonsenja l-ebda merkanzija lill-atturi izda kienet is-socjeta` konvenuta illi kellha tikkonsenja, kif fil-fatt ghamlet, il-merkanzija rikjesta mis-socjeta` attrici.

4. Illi kienet fil-fatt, is-socjeta` attrici, illi ma hallsitx lis-socjeta` konvenuta tal-merkanzija lilha mibjugha u regolarment ikkunsenjata, liema pretensjoni hija l-mertu tal-kawza bin-numru tac-citazzjoni 829/2006 fl-ismijiet Panam Limited vs F F F Services Limited liema qed tinstema' mill-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-atturi u b'riserva ghal eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda ta' Paolo Soldi a fol 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Novembru 2006 fejn il-Qorti ordnat il-konnessjoni ta' din il-kawza mal-kawza Rikors Guramentat Nru. 829/06 fuq il-lista u l-provi ta' wahda ghandhom jghoddu bhala provi fil-kawza l-ohra u *vice versa*. Il-Qorti kkonfermat l-istess nomina tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea ghal din il-kawza wkoll b'dan li l-istess perit legali gie nnominat sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea, u wkoll ir-rapport li gie pprezentat fir-registru fit-23 ta' Frar 2011 u mahluf fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011 liema rapport jinsab esebit a fol 85 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 28 ta' April 2011 ghan-nomina ta' periti perizjuri (fol. 82).

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2011 fejn deher fost l-ohrajn il-Perit Legali li halef ir-rapport, u Dr. Mark Attard Montalto. Il-Qorti cahdet it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri prezentata mill-attur stante li l-kawza titratta dwar evalwazzjoni ta' provi u okkorendo punti ta' ligi, u din tidhol u tezaminahom il-Qorti stess.

Rat in-nota tal-attur datata 13 ta' Mejju 2011 sabiex jeskuti lill-Perit Legali (fol. 109) ipprezentata minn Dr.Kris Borg.

Rat li in effetti Dr. Veronique Dalli li assumiet il-patroncinju tal-atturi ma insistitx fuq dan u l-atturi talbu minflok li jaghmli nota ta' kritika/osservazzjonijiet kif jidher mill-verbal tas-seduta sussewgwenti ghall-prezentata ta' tali nota tali seduta datata 23 ta' Gunju 2011.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti inkluza dik tat-23 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Debono ghall-konvenut *proprio et nomine*. Deher ukoll l-attur Paul Micallef. Dr. Debono irrimetta ruhu ghar-rapport. L-attur prezenti nforma l-Qorti

li biddel l-avukat tieghu u nkariga lil Dr. Veronique Dalli li izda meta msejjha ma dehritx. Il-Qorti tat lill-attur terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li nghata sittin (60) gurnata zmien ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Frar 2012. Aktar tard dehret Dr. Veronique Dalli li assumiet il-partocinju tal-attur *proprio et nomine* u hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal, u deher Dr. Kris Borg.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Paolo Soldi *proprio et nomine* datata 30 ta' Awwissu 2011 a fol 109 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 6 ta' Settembru 2011 li giet prezentata fil-kawza konnessa ma' din il-kawza fl-ismijiet "Panam Limited vs FFF Services Limited" (Rik. Gur. Nru. 629/06/RCP) u dan a fol. 231 tal-istess process.

Rat l-atti kollha tal-kawza konnessa ma' din il-kawza fl-ismijiet "Panam Limited vs FFF Services Limited" (Rik. Gur. Nru. 629/06/RCP) nkluz x-xhieda kollha u d-dokumenti hemm prodotti.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi b'din il-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' Lm6,808 in kwantu bilanc minn somma akbar dovuta in parti bhala flejjes avvanzati, in parti bhala flejjes misapproprijati u in

parti bhala flejjes li gew imhallsa ghall-merkanzija li baqghet qatt ma giet konsenjata.

Illi in sostenn ta’ dan Paul Micallef xehed li s-socjeta’ F F F Services Limited silfet lis-socjeta’ Panam Limited l-ammont totali ta’ Lm11,127.54 liema flus gew mislufa sabiex l-istess socjeta’ hawn konvenuta tkun tista’ takkwista l-laham ghan-negozju taghha. Gie spjegat ukoll li l-laham mixtri gie mahzun mis-socjeta’ Panam Limited fl-imhazen tas-socjeta’ F F F Services Limited versu kummissjoni ta’ 10% fuq il-bejgh li taghmel Panam Limited ta’ l-istess laham. Paul Micallef spjega li mill-merkanzija mahzuna fl-imhazen ta’ FFF Services Limited, inbiegh b’ammont ta’ Lm6,499.88 u li ghalkemm gie miftiehem li l-ammont kollu tal-bejgh kellu jigi ddepozitat fil-kont tas-socjeta’ F F F Services Limited, minn dan l-ammont kien gie ddepozitat biss l-ammont ta’ Lm5,337.95.

Illi Paul Micallef xehed ukoll li hu biegh dghajsa lil Paolo Soldi versu l-prezz ta’ Lm4,000, izda ta’ dan Paolo Soldi ma hallsu xejn u ghalhekk ma sarx it-transfer u ha d-dghajsa lura, pero’ Soldi ma tahx lura l-karru tad-dghajsa. Rigward il-hlas li sar lil Micallef minghand Soldi fl-ammont ta’ Lm2,500, Micallef spjega li dan il-hlas ma kienx ghad-dghajsa izda ghall-laham.

Illi mix-xhieda ta’ Paul Micallef jirrizulta li huwa qed jallega li l-ammont dovut mill-intimati huwa ta’ Lm7,088.58, in kwantu Lm5,789.59 bilanc tas-self, Lm649.99 in kwantu prezz tal-karru u Lm649.99 commission fuq il-bejgh ta’ laham mis-socjeta’ konvenuta, minn liema ammont thallas biss l-ammont ta’ Lm2,500 imsemmi (li skont Soldi kien ghad-dghajsa pero’ skont Micallef kien ghall-laham) u ghalhekk l-ammont attwalment dovut skond l-atturi huwa ta’ Lm4,588.58.

Illi minn naha taghhom, l-intimati qed isostnu li: (i) m’hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ Panam Limited u Paul Micallef; (ii) Paolo Soldi m’huwiex il-legittimu kuntradittur; (iii) m’huwiex minnu li Panam Limited naqset milli tikkonsenja l-merkanzija mitluba; (iv) m’huwiex minnu li Paolo Soldi kellu jikkonsenja xi

merkanzija lir-rikorrenti; (v) m'huwiex minnu li r-rikorrenti avvanzaw xi flejjes lill-intimati jew li l-intimati misappropjraw xi flejjes tar-rikorrenti; (vi) n-negozju li sar kien biss bejn is-socjeta' Panam Limited u s-socjeta' FFF Services Limited; u (vii) kienet is-socjeta' FFF Services Limited li ma halsitx ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkunsenjata, pretensjoni li tibsab dedotta mis-socjeta' konvenuta odjerna, hemmhekk fil-veste ta' socjeta' attrici, fil-kawza fl-ismijiet "Panam Limited vs F F F Services Limited", konnessa mal-kawza odjerna u li qed tigi deciza wkoll llum ma din il-kawza.

Illi bhal ma gie nnotat fil-kawza l-ohra hawn imsemmija jirrizulta mill-provi prodotti li l-ewwel zewg fatturi mahruga mis-socjeta' Panam Limited lis-socjeta' FFF Services Limited (Dok. A u C) fl-ammont ta' Lm493.60 u Lm5,133.94 rispettivament gew imhallsa b'*cheques* mahruga fl-istess ammonti u ghalhekk kull cheque mahrug jikkombaca bl-ezatt ma' l-ammont tal-fattura. Paul Micallef, ghan-nom ta' F F F Services Limited, ma cahadx li l-kitba fuq it-tieni fattura (Dok. C1) hija tieghu jew ta' xi hadd mis-socjeta' F F F Services Limited, kif allegat mis-socjeta' Panam Limited.

Illi jirrizulta wkoll li Tonio Ciantar xehed li kien ra l-fatturi Dok. "GH", Dok. "G" u Dok. "H" fl-ufficju tas-socjeta' FFF Services Limited. Paolo Soldi xehed li l-prodotti mnizzla fuq il-fatturi Dok. "H" u Dok. "I" huma l-istess prodotti li jidhru fil-lista ta' prodotti li toffri s-socjeta' FFF Services Limited, immarkata bhala Dok. "L". Dan lanqas ma gie michud mir-rikorrenti.

Illi Paul Micallef xehed li l-kummissjoni ghall-magazzinagg tal-laham kienet tithallas lis-socjeta' FFF Services Limited billi tinholoq fattura, pero' ma gew esebiti l-ebda fatturi f'dan is-sens u allura l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici fuq dan il-punt lanqas hija b'xi mod ikkoroborata jew sorretta b'xi prova ohra bhal wahda dokumentarja tal-hlas jew inkella xi document iehor li juri li xi darba sar il-hlas ta' dak allegat mill-atturi.

Illi ma dan jinghad li jirrizulta mill-provi li saru attwalment tlett konsenji ta' laham mill-Italja da parte ta' Falcotrans Limited fl-imhazen tas-socjeta' FFF Services Limited fuq ordni tas-socjeta' Panam Limited. Jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rapprezentant ta' Falcotrans Limited li Paul Micallef ghan-nom tas-socjeta' F F F Services Limited fl-ewwel lok accetta li jhallas ghall-ewwel konsenja pero' sussegwentement cahad li kien accetta li jhallas. Jirrizulta wkoll li z-zewg konsenji l-ohra thallsu mis-socjeta' Panam Limited.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li meta gie ddistribwit il-laham minn Paolo Soldi lil terzi ntuzaw il-fatturi tas-socjeta' FFF Services Limited. F'dan ir-rigward, Paolo Soldi spjega li l-fatturi li ntuzaw kienu tas-socjeta' FFF Services Limited u dan ghaliex l-laham li kien qed jigi mibjugh kien fil-fatt proprjeta' ta' FFF Services Limited, li kien precedentment mibjugh lilha mis-socjeta' Panam Limited, u li kien biss qed jigi ddistribwit minn Paolo Soldi personalment a bazi ta' ftehim ma' FFF Services Limited. Minn naha l-ohra, gie spjegat li ntuzaw il-fatturi ta' FFF Services Limited sabiex jinzamm kontroll fuq il-bejgh li jaghmel Soldi ghall-finijiet ta' kummissjoni, filwaqt li Steve Micallef spjega wkoll li ntuzaw il-fatturi ta' FFF Services Limited in kwantu Panam Limited ma kellhiex dokumentazzjoni taghha. Fl-istess hin pero' FFF Services Limited naqset milli tispjega sodisfacentement ghal liema raguni l-bejgh, li skont hi sar minn Panam Limited, gie mhallas b'cheques ta' terzi mahruga lilha u mhux lil Panam Limited.

Illi fir-rigward l-istess fatturi mmarkati bhala Dok. "F", Joseph Portelli ghan-nom ta' FFF Services Limited xehed li dak it-tip ta' dokument jintuza mis-socjeta' FFF Services Limited sabiex meta jintbaghat ix-xoghol, dak ix-xoghol li jkun ittiehed jitnizzel fuq dak id-dokument.

Illi izda jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta wkoll li s-socjeta' FFF Services Limited inkludiet il-bejgh maghmul minn Panam Limited fis-*sales ledger* taghha daqs li kieku dan kien bejgh maghmul minn FFF Services Limited. Huwa veru li gie allegat mill-atturi li dan sar sabiex jinzamm kontroll fuq il-bejgh li taghmel is-socjeta' Panam Limited

pero' fl-istess hin gie spjegat li ma giet utilizzata l-ebda forma ta' dokumentazzjoni sabiex jinzamm kontroll tal-laham li kien qed jittiehed minn Panam Limited mill-imhazen tas-socjeta' FFF Services Limited u dan ghalkemm mix-xhieda jirrizulta li F F F Services Limited kienet tizen il-laham la darba jasal fl-imhazen taghha minn barra.

Illi jinghad ukoll li Steve Micallef, ghan-nom tas-socjeta' FFF Services Limited, xehed li l-hwienet kollha msemmija fuq il-fatturi Dok. "F" m'humiex klijenti tal-imsemmija socjeta' FFF Services Limited. Izda kif irrileva l-Perit Legali din il-Qorti tosserva li Paul Micallef xehed li gie introdott ma' Paolo Soldi minn klijent tieghu Etienne ta' Etienne's Wine Bar, liema hanut jirrizulta minn diversi fatturi fost dawk immarkati Dok. "F".

Illi jirrizulta wkoll li ghalkemm is-socjeta' FFF Services Limited issostni li l-laham mibjugh minn Soldi ma kienx proprjeta' taghha, izda proprjeta' ta' Panam Limited, fl-istess hin talbet lill-Pulizija tiehu azzjoni fil-konfront ta' Paolo Soldi ghaliex allegat li l-hlasijiet li saru minn terzi lil Soldi gew misapproprjati mill-istess Soldi, tezi li ma treggiex kemm il-darba tali laham baqa' proprjeta' tas-socjeta' konvenuta.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi prodotti il-Qorti, bhal Perit Legali, ma tqisx bhala kredibbli l-verzjoni moghtija mir-rikorrenti filwaqt li jqis l-verzjoni moghtija mill-intimati bhala kredibbli u ppruvata u ghalhekk din il-Qorti thoss li bejn il-partijiet kien hemm biss relazzjoni ta' bejgh fejn is-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta' konvenuta l-konsenji tal-laham u s-socjeta' intimata hallset parti mis-somma dovuta. In vista ta' dan ma jirrizultax li tezisti relazzjoni guridika bejn is-socjeta' Panam Limited u Paul Micallef u ghalhekk l-ewwel eccezzoni tas-socjeta' intimata Panam Limited qed tigi milqugha.

Illi konsegwenti ghal dawn ir-risultanzi jirrizulta wkoll li l-intimat Paolo Soldi m'huwiex il-legittimu kuntradittur. Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat Paolo Soldi qed tigi milqugha.

Illi ma` dan jinghad, li ma jirrizultax li s-socjeta' Panam Limited naqset milli tikkonsenja xi merkanzija jew li gew avvanzati xi flejjes lil Panam Limited jew li l-istess Panam Limited misapproprjat flejjes tar-rikorrenti. Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata Panam Limited qed tigi milqugha.

Illi lanqas ma jirrizulta li gew avvanzati xi flejjes lil Paolo Soldi jew li l-istess Paolo Soldi misapproprja flejjes tar-rikorrenti. Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni ta' l-intimat Paolo Soldi qed tigi milqugha.

Illi mis-suespost ukoll jirrizulta li Paolo Soldi ma kellu jikkonsenja l-ebda merkanzija lir-rikorrenti. Ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni ta' l-intimat Paolo Soldi qed tigi milqugha.

Illi mill-provi prodotti kull ma jirrizulta huwa li s-socjeta' FFF Services Limited ma halsitx ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkunsenjata mis-socjeta' Panam Limited. Ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' intimata Panam Limited u r-raba' eccezzjoni ta' l-intimat Paolo Soldi qed jigu milqugha fil-waqt li t-talbiet attrici qed jigu milqugha.

Illi din il-Qorti hadhet konjizzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici f'din il-kawza (ipprezentata fil-kawza l-ohra) fejn hija tghid li kien attwalment Paolo Soldi li kien jiddistribwixxi l-laham lill terzi, izda xorta jibqa' l-fatt li l-fatturi dejjem hargu fuq is-socjeta' attrici f'din il-kawza u dan kollu konsistentement jindika li l-laham li kien qed jigi mibjugh kien proprjeta' tas-socjeta' FFF Services Limited, tant li n-numru tal-VAT fuq l-istess fatturi kien proprju tal-istess socjeta' u mhux dak ta' l-imsemmi Paolo Soldi jew inkella tas-socjeta' konvenuta Panam Limited.

Illi l-istess socjeta' attrici tikkontendi li terzi fosthom Andrew Pace u Carmel Bone sostnew li l-laham kien jigi kkonsenjat lilhom minn Paolo Soldi izda xorta wahda jibqa' l-fatt li l-*invoices* fuq l-istess konsenji kienu dejjem

fuq l-istess socjeta’ attrici u l-pagamenti kienu jsiru lilha u mhux lill Paolo Soldi jew lis-socjeta’ konvenuta Panam Limited. Ma` dan jizdied ukoll jinghad li l-bejgh kollu kien jidhol fis-sales ledgers tas-socjeta’ FFF Services Limited bhala bejgh li jsir minnha. Dan ifisser lil-provi kollha huma konsistenti fuq il-punti saljenti li jiddetminaw din il-kawza u cjoe’ li l-*invoices* kollha hargu mis-socjeta’ attrici, li l-pagamenti saru direttamwent f’cekkijiet ta’ terzi fuq l-istess socjeta’ attrici FFF Services Limited, u li l-VAT li kienet tithallas lil klijenti kienu jigu addebitati u/jew ikkreditati fuq is-socjeta’ FFF Services Limited, u allura fuq din il-bazi din il-Qorti thoss li l-preponderanza tal-provi prodotti u fuq kollox id-dokumenti esebiti jindikaw li l-verzjoni li hija kredibbli u verosimili hija dik konvenuta  u mhux dik attrici, tant li din ta’ l-ahhar bl-ebda mod ma hija sorretta mill-istess provi, izda adirittura tikkontrasta mad-dokumenti kollha imsemmija u li hawn saret referenza ghalihom f’din is-sentenza u fis-sentenza konnessa ma’ dan il-kawza gja indikata, mhux l-inqas l-fatturi, ic-cekkijiet u *sales ledger* tal-istess socjeta’ attrici FFF Services Limited. Fuq kollox ma hemm l-ebda dubju li kieku l-laham baqa’ proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta, meta dan inbiegh lil terzi l-fattura kienet tohrog mis-socjeta’ konvenuta u mhux mis-socjeta’ attrici odjerna, u f’din il-kawza kull fattura fuq terzi harget mis-socjeta’ attrici. B’hekk din il-Qorti qed tabbraccja l-konkluzjonijiet tal-perit legali u in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz taghmilhom taghha, u dan ghaliex kif inghad kienet is-socjeta’ konvenuta li ppruvat l-allegazzjonijiet taghha, mentri s-socjeta’ attrici naqset li taghmel dan, anzi l-provi prodotti jikkontradixxu bl-iktar mod konsistenti tali allegazzjoni da parte taghha, b’dan li l-istess tezi  mhix biss mhux verosimili, izda lanqas hija kredibbli ghaliex kontradetta minn provi dokumentari kollha nkluzi dawk mahruga minnha stess. Ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda fil-waqt li qed jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nkluzi dawk tas-socjeta’ konvenuta.

## <u>**III.   KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Paolo Soldi fir-risposta guramentata tieghu datata 2 ta' Novembru 2006 u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhux il-legittimu kontradittur, u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta Panam Limited fir-risposta guramentata taghha datata 2 ta' Novembru 2006 biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba attrici** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------